MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## DAVID SCICLUNA

Seduta tas-16 ta' Marzu, 2005

Appell Kriminali Numru. 260/2004

**Il-Pulizija**

**kontra**

**Patricia Pace**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Patricia Pace talli fl-20 ta' Awwissu 2004, ghall-habta tas-sitta w nofs ta' fil-ghaxija, gewwa l-fond "The Dreaming House", Triq Il-Hena, Mellieha:

1) Hebbet ghal Malcolm Pace sabiex tingurjah, iddejqu jew taghmel hsara lill-istess Malcolm Pace;
2) Ingurjat jew heddedt lill-istess ragel taghha Malcolm Pace;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-18 ta' Novembru 2004 li

permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmija Patricia Pace hatja ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontra taghha u illiberata bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien xahar mid-data ta' dik is-sentenza;

Rat ir-rikors ta’ appell tal-imsemmija Patricia Pace pprezentat fl-24 ta’ Novembru 2004 li permezz tieghu talbet li din il-Qorti tvarja s-sentenza appellata fis-sens li fejn sabet lill-appellanti hatja tiddikjaraha mhux hatja u kwindi tilliberaha minn kwalsiasi imputazzjoni, htija w piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet il-provi u t-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Fir-rikors ta' appell taghha l-appellanti tinsisti dwar in-nuqqas ta' htija taghha. Hija tghid li ghalkemm kien hemm tnejn minn ulied il-kontendenti prezenti waqt l-allegat incident, l-uniku xhud tal-prosekuzzjoni kien il-kwerelant innifsu li meta xehed quddiem l-ewwel Qorti ma qalx il-verita`. Dak li qal l-kwerelant gie kontradett mill-appellanti u l-verzjoni taghha kellha titqies verosimili u kredibbli. Fi kwalunkwe kaz, in vista tax-xiehda konfliggenti li nghatat, hija ghandha tibbenefika mill-beneficcju tad-dubju.

Li x-xiehda li nghatat hija konfliggenti m'hemm l-ebda dubju. Dan jirrizulta mix-xiehda li semghet din il-Qorti ta' l-appellanti kif ukoll tal-kwerelant zewgha. Certament ix-xiehda ta' xhud wiehed biss, jekk emmnut, hija bizzejjed biex tikkostitwixxi prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ikun gie pruvat minn zewg xhieda jew aktar[1]. U kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Thorne** tad-9 ta' Lulju 2003, *"mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti, f'kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637*

---

[1] Ara artikolu 638(2) tal-Kap. 9.

*tal-Kodici Kriminali u tasal ghall-konkluzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex ser temmnu jew ma temmnux"*[2].

F'dan il-kaz din il-Qorti kellha l-opportunita` li tevalwa l-imgieba, il-karattru u l-kondotta taz-zewg xhieda. Inoltre hasbet fit-tul dwar dak li xehdu u waslet ghall-konkluzjoni li jekk l-ewwel Qorti kellha quddiemha l-provi li semghet din il-Qorti, dik il-Qorti ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li hija waslet ghaliha. Huwa certament verosimili li koppja f'sitwazzjoni bhalma jinsabu fiha l-konjugi Pace jghaddu kummenti xejn kumplimentuzi lil xulxin u hija sfortuna kbira li incidenti simili kemm-il darba jsehhu fil-prezenza tat-tfal, bir-rizultanti trawma li dan ikun ifisser ghalihom. Fil-kaz in ezami pero` x-xiehda tal-partijiet hi djamettrikament opposta u l-kwerelant ma kienx wisq car dwar il-mod kif jghid li l-appellanti suppost hebbet ghalih. Barra minn hekk din il-Qorti ma jidhrilhiex li ghandu jigi traskurat dak li qalet l-appellanti fis-sens li nghatat pariri biex tevita konfrontazzjonijiet. Ghaldaqstant hija tal-fehma li l-appellanti ghandha tinghata l-beneficcju tad-dubju fir-rigward ta' dak li zewgha qal li allegatament kien gara.

Konsegwentement l-appell qieghed jigi milqugh.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa' l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata in kwantu sabet lill-appellanti hatja ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontra taghha u in kwantu lliberatha bil-kondizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien xahar mid-data ta' dik is-sentenza skond l-artikolu 22 tal-Kap. 446, u minflok tiddikjara lill-appellanti mhux hatja ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontra taghha u ghalhekk tilliberaha minn kull imputazzjoni u piena.

**< Sentenza Finali >**

[2] Ara wkoll Appell Kriminali **The Police vs Graham Charles Ducker**, 19 ta' Mejju 1957.

---------------------------------TMIEM---------------------------------